**Nru. 459**

**L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR**

**Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali**

Bi qbil mar-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 ta' 2007), u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinjifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni ħadet inkonsiderazzjoni b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldqastant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali mhux se jżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni. Skont l-informazzjoni li ġiet ippreżentata fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u fil-valutazzjoni li sar skont l-iskeda IB tal-istess Regolamenti, ma jidhirx li l-proposta se jkollha impatti sinjifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Numru ta' Riferenza: PA 07712/07
Post: Sit fi Sqaq Il-Midorbu, Tas-Sejba, Mqabba
Proposta: L-użu tal-art li kienet barriera, bħala impjant għall-produzzjoni ta' materjal ta' kostruzzjoni, u r-regolarizzazzjoni ta' parti mill-istess impjant għall-produzzjoni ta' *bricks*, u l-użu ta' razzett eżistenti sabiex toffri uffiċċji anċillari, li jinkludi alterazzjonijiet u estensjoni għal imħażen.

Dawn l-effetti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jitaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li kien sottomess lill-Awtorità fl-1 ta' Awwissu 2011 u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Studju dwar l-Impatt Ambjentali li ġiet sottomessa fit-8 ta' Frar 2012.

**No. 459**

**MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY**

**Exemption of Environmental Planning Statement**

IN conformity with Regulation 3 (8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice 114 of 2007), and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts, the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

Reference Number: PA 07712/07
Location: Site at Sqaq Il-Midorbu, Tas-Sejba, Mqabba
Proposal: The use of ex quarry as a building construction plant and sanctioning of a construction brick production plant and the use of existing farmhouse as an ancillary offices which include alterations and additions, proposed warehouses and stores.

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on the 1st August 2011 and the justification for proposal from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 8th February 2012.

| **Impatti potenzjali**<br>***Potential Impact*** | **Rimarki fuq miżuri biex jittaffa l-impatt, eċċ.**<br>***Remarks on mitigation measures, etc.*** |
|---|---|
| Ġenerazzjoni ta' skart | L-iskart li se jinħoloq mill-iżvilupp kif propost huwa minimu, u l-permess se jkun fih miżuri *standard* dwar l-immaniġġar tal-iskart li se jkun iġġenerat. |
| *Waste generation* | *Waste to be generated by the proposed development is considered to be minimal, and standard permit safeguards will be adopted.* |
| Kwalità tal-arja inklużi rwejjaħ | Se jittieħdu l-miżura kollha prattikabbli, fosthom it-tqegħid ta' apparat ġos-silo tas-siment biex jitnaqqsu emissjonijiet fl-arja. Se jitħaddmu wkoll miżuri oħra *standard* biex jittaffew l-impatti. |
| *Air quality and odours* | *All practical measures, including equipping the cement silo with a filter to reduce air emissions. Standard mitigation measures will be implemented.* |
| Storbju u vibrazzjonijiet | L-impjant tal-*bricks* se jinbena f'barriera li hi parzjalment restawrata, b'mod li l-istorbju u vibrazzjonijiet se jitnaqqsu. |

| | |
|---|---|
| *Noise and vibration* | *The brick plant will be located within a partially restored quarry, such that noise emissions and vibrations will be attenuated.* |
| Impatt viżiv | Mhux mistenni impatt viżiv. |
| *Visual impact* | *No visual impacts are envisaged.* |
| Tniġġis tal-ilma | Is-sit jinsab fuq il-mini tal-ilma f'Ta' Kandja u għalhekk qed tintalab valutazzjoni tar-riskji biex jiġu stabbiliti miżuri xierqa. Is-sit ukoll se jkun issiġillat u dan se jippermetti l-ġbir ikkontrollat ta' ilma tax-xita, u t-tisfija tiegħu qabel ma jerġa' jintuża. Se jkun hemm miżuri *standard* biex jittaffew l-impatti, u l-permess se jkun fih ukoll miżuri oħra li huma meħtieġa għal impriżi żgħar u medji. |
| *Water contamination* | *The site is located above the Ta' Kandja water galleries and hence the application of appropriate mitigation measures following a risk assessment is being sought. Furthermore, the site will be sealed off thus allowing for the controlled collection of water runoff and its treatment prior to reuse. Standard mitigation measures, combined with other relatively standard permit safeguards for SME developments will be implemented.* |

Minkejja dak li jissemma hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni oħra kif jista' jkun meħtieġ biex tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni.

L-20 ta' April, 2012

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

20th April, 2012

**Nru. 460**

**ATT DWAR L-GĦAQDIET TAL-PRODUTTURI (KAP. 447)**

**Rikonoxximent bħala Għaqda tal-Produtturi**

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi fl-20 ta' Jannar 2011, skont l-Artikolu 12.2 tal-Att dwar Għaqdiet tal-Produtturi, id-Direttur tal-Agrikoltura rrikonoxxa 'Gomriza' u 'Gozitano Agri Coop' bħala Għaqdiet tal-Produtturi.

L-20 ta' April, 2012

**No. 460**

**PRODUCER ORGANISATION ACT (CAP. 447)**

**Recognition as a Producer Organisation**

IT is hereby noted for general information that on the 20th January 2011, in accordance to Article 12.2 of the Producer Organisations Act, the Director of Agriculture has recognised 'Gomriza' and 'Gozitano Agri coop' as Producer Organisations.

20th April, 2012

**Nru. 461**

**ATT DWAR IL-*CONDOMINIA* (Kap. 398)**

B'DIN qed ngħarraf li jiena rċivejt applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' u/jew emendi tar-regolamenti li jirregolaw l-imsemmija *condominia:-*

**No. 461**

**CONDOMINIUM ACT (Cap. 398)**

NOTICE is hereby given that I have received an application for the registration of and/or amendment to rules regulating the following condominia:-

| Nru. tal-Condominium<br>*Condominium Number* | Indirizz tal-Condominium<br>*Address of Condominium* | Rimarki<br>*Remarks* | Data tar-Reġistrazzjoni<br>*Date of Registration* |
|---|---|---|---|
| 718 | 38, 'Hail Mary Flats',<br>Triq Edgar Ferro,<br>Pietà | Reġistrazzjoni<br>tar-Regolamenti/<br>*Registration of Rules* | 13/04/2012 |

Dott. Keith Francis German, LL.D.
*Reġistratur tal-Artijiet*

L-20 ta' April, 2012

Dr Keith Francis German, LL.D.
*Land Registrar*

20th April, 2012